A.L. 60 ta' l-1980

ORDINANZA TA' L-1962 DWAR IL-ĦADDIEMA TAL-PORT (ORDINANZA NRU. XIV TA' L-1962)

Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħaddiema tal-Port (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 ta' l-Ordinanza ta' l-1962 dwar il-Ħaddiema tal-Port, il-Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekomunikazzjonijiet għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

A.L. 45 ta' l-1966

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħaddiema tal-Port (Emenda Nru. 2) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1966 dwar il-Ħaddiema tal-Port, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Ir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti għandu jitqies li beda jseħħ fil-15 ta' Ottubru, 1977.

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(1) minflok il-proviso għall-paragrafu (7) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda:

(a) dak l-iben għandu japplika għar-reġistrazzjoni fi żmien xahar mill-mewt jew l-irtir ta' missieru, skond il-każ, u wara jġedded dik ir-reġistrazzjoni kif provdut f'dan ir-regolament;

(b) ir-reġistrazzjoni ta' dak l-iben fir-Reġistru tal-Ħaddiema tal-Port Prospettivi ma jintitolaħx biex jikkompeti għall-mili ta' vakanzi sa dak iż-żmien meta jilħaq l-età ta' tmintax-il sena u, minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (5) ta' dan ir-regolament għandu, għall-fini ta' l-ordni li bih jimtlew il-vakanzi, jitqiegħed wara l-persuna li dak iż-żmien tkun qed tidher l-aħħar f'dak ir-Reġistru.".

(2) fil-paragrafu (9) tiegħu —

(a) minflok il-kliem "ta' dawn ir-regolamenti:" għandhom jidħlu l-kliem "ta' dawn ir-regolamenti."; u

(b) il-proviso li hemm għalih għandu jitħassar.

Jissostitwixxi r-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok ir-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Pensjoni.

24. (1) Il-Ħaddiema tal-port li fl-erbgħa ta' April, 1973 jew wara iżda mhux wara l-erbgħa ta' Jannar, 1980, ikunu laħqu l-età ta' rtir għandu jkollhom ir-reġistrazzjoni tagħhom imħassra mid-Direttur u meta jsir dan għandhom jitħallsu pensjoni jew gratifikazzjoni taħt il-kondizzjonijiet u bir-rati speċifikati fir-regolament 27 ta', u fl-Iskeda 4 li tinsab ma', dawn ir-regolamenti.

(2) Il-Ħaddiema tal-port li fil-ħamsa ta' Jannar, 1980 jew wara, ikunu laħqu l-età ta' rtir għandu jkollhom ir-reġistrazzjoni tagħhom imħassra mid-Direttur iżda għandhom iżommu d-drittijiet ta' pensjoni tagħhom taħt l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali.".

Jemenda r-regolament 25 tar-regolamenti prinċipali.

4. Minflok il-paragrafu (3) tar-regolament 25 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (1) u (2) ta' dan ir-regolament ma japplikawx għal ħaddiem tal-port:

(a) li rtira mix-xogħol tal-port matul il-perijodu ta' ħames snin li spiċċa fl-erbgħa ta' April, 1973, u li matul dak l-istess perijodu kien tbiddel minn iben jew ħuh;

(b) li jkun laħaq l-età ta' rtir fil-ħamsa ta' Jannar, 1980 jew wara.".

Jemenda r-regolament 26 tar-regolamenti prinċipali.

5. Minnufih wara l-paragrafu (2) tar-regolament 26 tar-regolamenti prinċipali għandhom jidħlu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(3) Id-disposizzjonijiet tas-sub-paragrafu (ċ) tal-paragrafu (1) u tas-sub-paragrafu (b) tal-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament ma japplikawx għal ħaddiema tal-port li wara t-tnejn u għoxrin ta' Jannar, 1979, ikollhom il-liċenza tagħhom imħassra taħt id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament, jekk jilħqu l-età ta' rtir fil-ħamsa ta' Jannar, 1980, jew wara, salv id-drittijiet ta' pensjoni tagħhom taħt l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali.

(4) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (3) ta' dan ir-regolament, persuna li tkun reġistrata bħala ħaddiem tal-port wara t-tletin ta' Mejju, 1978, ma tkunx eliġibbli li tirċievi pensjoni kif speċifikat fil-paragrafi (1) u (2) ta' dan ir-regolament jekk ma jikkonfermax mal-ħtiġiet li hemm fir-regolament 27 ta' dawn ir-regolamenti.".

Jemenda r-regolament 27 tar-regolamenti prinċipali.

6. Fir-regolament 27 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "Minkejja d-disposizzjonijiet tar-regolamenti 24 u 26, u bla ħsara għad-disposizzjoni tar-regolament 29, ta' dawn ir-regolamenti" għandhom jidħlu l-kliem "bla ħsara għad-disposizzjoni tar-regolament 29 ta' dawn ir-regolamenti —".

Jemenda l-Iskeda 4 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

7. L-Iskeda 4 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok il-figura "£550" fil-paragrafu 1 tagħha għandha tidħol il-figura "£580";

(b) minflok il-figuri "£110", "£220", "£330", "£440" and "£550" fil-kolonna 2 tal-paragrafu 2, u tas-sub-paragrafu (i) tal-paragrafu 6 tagħha għandhom jidħlu rispettivament il-figuri "£116", "£232", "£348", "£464" u "£580"; u

(ċ) minflok il-figuri "£358" u "£246" fil-kolonna 2 tal-paragrafu 7 tagħha, għandhom jidħlu rispettivamet il-figuri "£377" u "£259".